MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 1757/2004

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550), kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Joanne Axiak, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joanne Axiak**

**Vs**

**Charles Dimech**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm400.18c (erba’ mitt lira Maltin u tmintax-il centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-20 ta’ Novembru, 2002 fi Triq il-Melh, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni THE 007 misjuqa minn Joanne Axiak u proprjeta’ ta’ l-istess, u l-vettura, ossija gaffa tat-tip *Kamatsu* minghajr numru ta’ registrazzjoni misjuqa mill-konvenut fejn l-imsemmi ncident gara b’tort unikament tal-

konvenut minhabba traskuragni, mperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenut.

Il-konvenut, ghalkemm interpellat, anki permezz ta' Ittra Ufficjali tal-15 t'Ottubru, 2003, baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-15 t'Ottubru, 2003 ipprezentata kontra l-konvenut, u l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Stephen Muscat jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------